MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 187/2009/1

**Avviz Numru:187/2009/MK**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogota fid-drittijiet tal-assigurata taghha Gasan Enterprises Limited skond il-ligi u l-polza (Claim C 086053)**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-15 ta’ Ottubru 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-Socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ elfejn u ghaxar ewro u disgha u*

*hamsin centezmu (€2010.59) rapprezentanti hsarat fuq konsenja ta' karozzi Ford u Jaguar li waslu Malta fis-27 ta' Marzu, 2008 fuq l-'MV Euro Cargo' Istanbul u ghal-liema hsarat is-socjeta' attrici hallset lis-socjeta' assikurata u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet taghha.*

*Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta fejn qalet illi l-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda in kwantu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; Illi l-imsemmija danni ma sehhewx minhabba xi tort imputabbli lis-socjeta' esponenti;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa eccessiv kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.*

*Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.*

*Sema' x-xhieda ta' Brian Pace, Carmel Camenzuli, John Galdes, Bernard Farrugia, Jonathan Satariano, Lawrence Bianco, Anthony Pullicino, Emmanuel Seguna, Roberta Caruana, Wye Keong Lai u Trevor Mallia.*

*Sema' s-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi jirrizuta li s-socjeta' attrici qieghda tirreklama danni li hija giet kostretta thallas a bazi ta' polza ta' assikurazzjoni fuq vetturi tal-marka Jaguar u Ford Mondeo, li gew importati mis-socjeta' assikurativa taghha Gasan Enterprises Limited, u li giet surrogata fid-drittijiet taghha wara hlas li sar lilha. Illi skont il-verzjoni tas-socjeta' attrici, l-vetturi fil-kaz in kwistjoni, garrbu xi hsarat wara li thattew mill-'MV Euro Cargo' Istanbul nhar is-27 ta' Marzu 2008. Illi dawn il-hsarat fil-vetturi ggarrbu fil-'compound' tas-socjeta' konvenuta waqt li kienu taht il-*

*kontroll u kustodja tal-istess. Is-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra sostniet illi ma ngabet ebda prova li dawn il-hsarat sehhew waqt il-kustodja taghha, jew li dawn il-hsarat ma kienux hemm meta l-vettura tghabbiet fuq il-vapur u rriferiet partikolarment ghal 'ship's manifest'.*

*Inghad ukoll illi minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa ezagerat.*

*It-Tribunal jirrilleva li minn dokumenti ezebiti jikkonferma li s-socjeta' assikurativa kienet giet surrrogata fid-drittijiet tas-socjeta' attrici.*

*It-Tribunal ra bir-reqqa d-dokumenti kollha ezebiti in atti u jirrilleva li d-dokumenti relatati ma' dan il-kaz huma primarjament t-'tally sheets' u l-'Gate Pass out'(GM 2,3,4 u 5). Rigward is-'ship's manifest' it-Tribunal huwa tal-fehma li din hija lista ta' xi jkun gie karikat u/jew skarikat fuq/mill-bastiment u ma jkunx hemm deskrizzjoni tal-istat tal-merkanzija meta din tkun ittellghet abbord. Illi l-ahjar prova tal-istat tal-merkanzija meta tkun tghabbiet fuq il-bastiment hija semmaj l-'bill of lading' (polza ta' kariku).*

*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li fil-kaz ta' danni f'merkanzija trasportata bil-bahar jezistu zewg mumenti fokali sabiex tigi stabbilita r-responsabbilta'. Il-procedura hija li meta merkanzija tigi skarikata minn vapur jigi kumpilat rapport fuq l-istat li fih tnizzel minn abbord (tally sheet) u dan sabiex jiddahhal fil-'compound' tat-'terminal' u qabel ma l-merkanzija tohrog mill-'compound' tat-'terminal' u tigi rilaxxata lil-importatur, s-socjeta' konvenuta tirilaxxa certifikat tal-istat tal-merkanzija li tkun hierga (Gate Pass Out.). Huma dawn id-dokumenti li ghandhom jitqiesu decisivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza u huma dawn iz-zewg istanzi a tempo vergine li jikkontrollaw u jipprecizaw l-istat ta' fatt.*

*Jirrizulta lit-Tribunal li l-vetturi kienu gew importati mis-socjeta' Gasan Enterprises Limited, kienu vetturi godda u dan skont dok. GM6 li huwa n-'notice of arrival'. Illi skont 'tally sheet' ezebita (Dok GM2) u skont ix-xhieda tat-'tally clerks' impjegati mas-socjeta' konvenuta u mal-Malta*

*Maritime Authority il-vetturi kienu wasslu Malta minghajr ebda difett hlief ghal dak li gie rrimarkat minnhom fuq l-istess Dok GM2. It t-'tally sheets' ezebiti gew konstatati mis-socjeta' attrici bhala 'clean' minghajr rimarki dwar hsarat fuq il-vetturi. Illi l-vetturi kienu tnizzlu fis-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m). u ntqal mis-Socjeta` attrici illi peress illi kien ir-rebbiegha dik il-gurnata ma kienx dalam. Minn dokumenti ezebiti t-Tribunal huwa sodisfatt illi ghal habta tas-7:00 p.m. tas-27 ta' Marzu 2008 il-pajjiz kien ghadu ma qalibx ghall-hin legali tas-sajf, jew kif inhu maghruf ahjar ghall-hin tas-sajf, u ghalhekk huwa minnu illi dak il-hin huwa pjuttost dlam. Izda fil-fehma tat-Tribunal dawl jew dlam ix-xoghol tat-'tally clerks' ghandu jsir sewwa u fin-nuqqas ta' dawl naturali jezistu mezzi ohrajn sabiex jiddawwal l-ambjent.*

*Bhala procedura, r-responsabilita' ewlenija hija tat-'tallying clerk' li jiccertifika l-iskarikar tal-merkanzija minn abbord il-vapur. Malli tinhatt il-merkanzija, minn fuq il-vapur, u l-merkanzija tghaddi fuq it-'Terminal' r-responsabbilta' hija tas-socjeta' konvenuta li tigestixxi tali terminal. Gara li meta r-rapprezentant tas-socjeta' Gasan Enterprises Limited mar jigbor il-vetturi sab diversi hsarat fuq zewg vetturi: vettura Jaguar u vettura Ford Mondeo. Dawn il-hsarat gew senjalati fil-'Gate Pass Out'. F'dak il-mument irrizultat diskrepanza fil-kummenti tat-'tally sheets' u tal-'Gate Pass Out'.*

*Is-socjeta' konvenuta sostniet illi s-socjeta' attrici kellha tipprova li l-vetturi kienu fil-fatt godda fjamanti u li l-vetturi ma tghabbewx b'xi hsarat. Qalet ukoll illi s-socjeta' attrici ma kinetx gabet l-ahjar prova u cioe' 'ship's manifest'. Kif intqal qabel mit-Tribunal, 'ship's manifest' hija biss lista tal-'containers' u merkanzija sfuza li jkunu ttellghu fuq jew ha jitnizzlu minn abbord. Hija l-polza ta' kariku li tindika l-istat tal-merkanzija meta titghabba fuq il-bastiment u ma jidhirlux illi s-socjeta' konvenuta qatt talbet lis-socjeta' attrici prova ta' din il-polza ta' kariku.*

*Huwa pacifiku li l-kontendenti jistriehu principalment fuq id-dokument portwali senjatament it-'tally sheets' u 'Gate Pass Out'. Bhala stat ta' fatt fil-kawza odjerna jirrizulta li t-*

*tallying tal-vetturi fil-mument tal-skarika kien wiehed ‘joint’ bejn impjegat tas-socjeta’ konvenuta u impjegat ta’ dik li dak iz-zmien kienet l-Awtorita’ Marittima. Fil-kaz in kwistjoni t-‘tally clerks’ issenjaw illi l-vetturi kienu mxarrbin u mahmugin u kellhom jiccekjahom bir-reqqa, infatti l-kliem uzati kienu ‘all cars were dirty and wet for use to check properly’ izda kien sar xoghol bir-reqqa fuq gewwa tal-vetturi. It-Tribunal jirrimarka li t-‘tally clerks’ zbaljaw meta ma segwewx il-procedura u nfurmaw lic-‘Chief Officer’ dwar dak li ma setax jigi konstatat minnhom u semmaj kellha ssir spezzjoni ulterjuri u bir-reqqa. It-Tribunal ihoss illi l-kummenti senjalati mit-‘tally clerks’ jindikaw car illi huma ma kienux sodisfatti minn dak li raw u li taw lok ghal dubji. Izda rrizulta li ghal xi raguni s-socjeta’ konvenuta ma haditx konjizzjoni ta’ dawk il-kummenti u ma sarux verifiki ulterjuri. Izda peress illi dan id-dubju ma giex segwit dan ma jfissirx illi jinkombi lis-socjeta’ attrici li tipprova fejn saru l-hsarat partikolarment in vista tad-diskrepanza fil-‘Gate Pass Out’. Illi ghalkemm ‘tally sheets’ huma kkunsidrati normalment prova probatoria juris tantum jikkrejaw fic-cirkostanzi prova qawwija u affidabbli, izda din il-prova ma tawx kasha u ghalhekk f’dan il-mument id-dell intefa’ fuq is-socjeta’ konvenuta. Fil-fatt il-problemi zvolgew erbat ijiem wara li l-vetturi waslu Malta meta s-socjeta’ importatrici Gasan Enterprises marret sabiex tigbor il-vetturi. Illi rrizulta li f’dawk l-erbat ijiem hadd min-naha tas-socjeta’ konvenuta hass il-htiega illi jiehu passi fuq ir-rimarki tat-‘tally clerks’ fejn intqal li “l-vetturi kienu mahmugin u mxarrbin fejn ma setghetx issir spezzjoni aktar bir-reqqa dak il-hin li kienu nizzlin il-vetturi”. Senjalazzjoni ta’ dan it-tip m’ghandux jiskaguna lis-socjeta’ konvenuta minghajr ma jigu kompletati il-verifiki. It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi tali rimarki jirriflettu nuqqas serju ta’ kontroll partikolarment meta l-merkanzija ha taqa’ taht il-kura u l-kustodja tas-socjeta’ konvenuta.*

*Illi rigward il-kliem uzat fit-‘tally sheets’, “all cars were dirty for use to check properly”, apparti minn zball ortografiku fil-kelma “use” li kellha tkun “us”, t-Tribunal jirrimarka li l-uniku*

*sens li taghmel din il-frazi kien li "l-vetturi kienu mahmugin u mxarrbin u ghandna niccekjawhom bir-reqqa". Is-socjeta' konvenuta min-naha taghha ppruvat issostni li dik il-frazi kellha tfisser li "l-vetturi kienu imxarrbin u mahmugin u ghalhekk ma setgux jigu kkontrollati bir-reqqa". Fil-fehma tat-Tribunal tali kostatazzjoni huwa nuqqas serju da parti tas-socjeta' konvenuta fejn jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta li tipprova li ma kienx hemm hsarat u mhux tghid illi ma setghetx tikkonstata jekk kienx hemm hsarat partikolarment u ghalhekk hsarat m'ghandhomx jigu eskluzi meta hemm diskrepanza qawwija fil-'Gate Pass Out' u 'tally sheets'.*

*It-Tribunal japprezza li meta jkunu qieghdin jitnizzlu l-vetturi*
*minn fuq il-vapur it-'tally clerks' ghandhom hin qasir sabiex jispezzjonaw il-vetturi sewwa u jkunu pressati min-naha tal-bastiment ghaliex ikun irid jsalpa 'l barra mill-port. Illi m'ghandhiex tkun prassi accettabbli li 'tally clerk' jithalla jnizzel kliem bhal dawk li tnizzlu u ma jsegwux procedura ulterjuri ta' kontroll. It-Tribunal huwa tal-fehma li jekk kemm-il darba it-'tally clerk' jinnota illi ma setax jispezzjona merkanzija sewwa fil-mument tal-hatt, huwa kellu d-dover li jirraporta dan l-istat ta' fatt lis-superjur tieghu sabiex l-ispezzjoni tigi kompletata u sabiex ma jinqalghux dubji wara kif fil-fatt gara.*

*Il-'Gate Pass Out' ma kienx clean u ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta li tipprova li nnuqqasijiet ma sehhewx waqt li l-vetturi kienu taht il-kontroll u l-kustodja taghha u mhux vice versa izda s-socjeta' konvenuta baqghet ma gabitx prova ta' dan quddiem dan it-Tribunal. Illi l-vetturi tal-importatur ma kienux jinsabu f'ghalqa izda f'zona koperta b'sigurta' qawwija. Illi l-fatt illi ma ttiehdux passi sabiex il-vetturi jigu spezzjonati bir-reqqa wara li tnizzlu l-kummenti dwar l-istat mahmug tal-vetturi huwa inkoncepibbli u turija ta' nuqqas ta' professjonalita' fix-xoghol. Jinghad x'jinghad il-'Gate Pass Out' jistabilixxi fatt ta' nuqqas. Kieku saru kontrolli ulterjuri dawn il-kontrolli setghu jikkonstatw l-istat tal-vetturi u minghajr dawn il-kontrolli ulterjuri ntefa' dubju serju fuq is-socjeta' konvenuta fejn ma jistax jigi eskluz illi*

*l-hsarat fil-fatt sehhew waqt li kienu kustoditi mis-socjeta' konvenuta.*

*Illi rigward r-responsabbilta' limitata tas-socjeta` konvenuta a bazi tat-terms and conditions taghha ezebiti in atti ghandu jinghad illi fic-cirkostanzi tal-kaz kemm il-klawsola 21.2 u kemm il-klawsola 23(f) u (g) ta' dan id-dokument ma japplikawx f'dan il-kaz. Illi inoltre huwa minnu li t-'terms and conditions' imsemmija u ezebiti mis-socjeta' konvenuta gew fis-sehh fl-2009 u l-allegati hsarat sehhew fl-2008. Illi dan jirrizulta lit-Tribunal ukoll minn ricerka li huwa ghamel fuq il-websajt tas-socjeta' konvenuta u dana ghamlu bl-iskop uniku li jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa tal-vertenza ta' din il-kawza. Illi in oltre t-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi fil-websajt tal-istess socjeta' konvenuta ghandha mfassla procedura dwar Organisation and Operations ghall-importazzjoni ta' vetturi fejn jinghad lill-klijent illi meta vettura tigi importata hija taccerta li 'damage prevention procedures are in place and tools are made available to enable detailed inspection and tallying of car'. Illi ghalhekk meta 'tally clerk' inizzel illi l-vetturi kienu mxarrbin u mahmugin u kellhom jigu spezzjonati bir-reqqa kellha ssir 'detailed inspection'. Fil-kaz in kwistjoni din id-'detailed inspection 'qatt ma sehhet u l-vetturi thallew erbat ijiem fil-'compound' qabel ma gew spezzjonati mis-socjeta' importatrici Gasan Enterprises meta giet sabiex tohroghom mill-'Gate' tas-socjeta' konvenuta.*

*Illi rigward l-ammont fit-talba t-Tribunal jirrimarka li m'ghandux dubju li s-socjeta' Gasan Enterprises Limited impurtat vetturi godda u huwa sodisfatt mid-dokumenti ezebiti min-naha tas-socjeta' attrici partikolarment ghall-istimi u 'job cards' provduti ghall-vetturi Jaguar u Ford Mondeo. It-Tribunal jifhem illi dawn iz-zewg vetturi huma vetturi lussuzi u li l-ispejjez ikunu iktar qawwija minn vetturi ohra u ghalhekk ma jsibx illi l-ammont mitlub huwa esagerat.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt illi sakemm il-hsarat fuq il-vetturi ma gewx konstatati dettaljatament mit-'tally clerks' jew mic-'Chief Officer' immedjatament wara li dahlu fil-*

*‘compound’, ir-responsabbilta’ ghal dawn il-hsarat hija tas-socjeta’ konvenuta.*

*Ghaldaqstant wara li sema’ u evalwa l-provi t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.*

*Spejjez a karigu tas-socjeta’ konvenuta.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Valletta Gateway Terminals Limited datat 2 ta’ Novembru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa’ l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2011.

Rat ir-risposta ta’ Gasan Mamo Insurance Limited datata 26 ta’ Novembru 2010 a fol. 50 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Josette Grech ghas-socjeta` appellanti u Dr. Claudine Zarb ghas-socjeta` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi datata 15 ta’ Ottubru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi s-socjeta’ appellanti ressqet is-segwenti aggravji (a) li t-*tally sheets* li kellhom ir-rimarka fuqhom “all cars were dirty and wet for us to check properly” bhala mhux “clean” u ghalhekk il-karozzi ma setghux jigu ezaminati bir-reqqa u dan minhabba l-ambjenti li fih isiru l-istess u ghalhekk a bazi tal-principju *nemo ad impossibilia tenetur,* is-socjeta’ appellanti kellha tigi ritenuta mhux responsabbli ghall-hsarat li nstabu fil-vetturi *de quo*; (b) li terminu u l-kondizzjonijiet tal-utenti li jaghmlu uzu mis-servizz tas-socjeta’ attrici gew skartati u hawn saret riferenza ghall-klawsoli 21.2, 22 (F) u 22 (G) (fid-decizjoni minhabba li gie esebit dokument li gie *in vigore* biss fil-2009 indikati bhala klawsoli 23 (F) u 23 (G); gie injorata wkoll il-Paramount Clause applikabbli skond klawsola 19 tal-istess Terms and Conditions li tirreferi ghal The Carriage of Goods by Sea Act inkoporata fl-Iskeda tal-istess termini; (3) li l-hsarat riskontrati u d-danni reklamati kienu iktar minn dawk indikati fil-Gate Pass Out u dan kif minnha ndikat f’paragrafu 8.4. (a) sa (d) tar-rikors tal-appell taghha.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li dan huwa totalment bla ebda bazi legali u dan ghaliex il-kumment li hemm fuq tali *tally sheets* fuq riportat fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jfisser biss li inter alia t-*tally clerks* tas-socjeta’ appellanti ma ghamlux il-verifiki sew tal-vetturi kif kellhom u setghu jaghmlu, u ma kienx hemm ebda raguni ghaliex dan ma setghax isir, u f’dan il-kaz din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **“David Curmi nomine vs Godwin Abela et nomine”** (A.C. – 31 ta’ Jannar 2003); **“Joseph Gerada nomine vs Godwin Abela et nomine”** (A.C. – 19 ta’ Gunju 2001); **“Leslie Causon nomine vs Godwin Abela nomine”** (A.C. – 6 ta’ Ottubru 2000) fejn jirrizulta car li huwa l-obbligu tas-socjeta’ appellanti bhala depositarju sabiex tassigura ruhha li fil-mument li tigi konsenjata lilha l-merkanzija din tkun sewwa certifikata fir-rigward tal-kondizzjoni taghha. Dan manifestament ma garax fil-kaz in ezami u kieku l-Qorti taccetta l-argumenti tas-socjeta’ appellanti jkun ifisser li dan l-obbligu tal-istess li tara li tirrapporta sew l-istat li fih hija rcieviet il-merkanzija tkun qed taghti lok sabiex tali *tally sheet* ma jkollha ebda valur ta’ xejn. Mill-bqija ma inghatat ebda raguni ghaliex tali spezzjonar ma setax isir fil-mument li l-karozzi inhattu

minn fuq il-vapur, meta dan sar fil-mument meta l-istess karozzi gew moghtija lill-konsennatarju tal-istess. B'hekk l-istess *tally sheets* ghandhom jindikaw li s-socjeta' appellanti ma riskontrat ebda nuqqasijiet jew hsarat meta l-karozzi in kwistjoni tnizzlu minn fuq il-vapur, hsara li gew indikati fil-Gate Pass Out, u allura dan ifisser li l-hsarat graw meta l-istess karozzi kienu fil-pussess tas-socjeta' appellanti u allura hija ghandha tirrispondi ghall-istess skond ir-responsabbilitajiet tal-istess socjeta' appellanti kif ritenut fis-sentenzi **"Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Company Limited"** (P.A. (RCP) – 25 ta' Marzu 2010); **"Elmo Insurance Services Limited nomine et vs The Cargo Handling Company Limited"** (P.A. (PS) – 15 ta' Dicembru 2004); **"Atlas Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited"** (P.A. (AM) – 2 ta' Ottubru 2002).

Illi dwar it-tieni aggravju jirrizulta li dan huwa wkoll infondat ghaliex:-

(a) dwar l-klawsola 21.2 tat-Terms and Conditions mahruga mis-socjeta' appellanti din tirreferri ghan-nuqqasijiet u hsarat li jsehhu minn *"cause beyond its direct authority or control"* u minn imkien mill-provi dan ma jirrizulta; anzi din il-Qorti hija konvinta li kieku s-socjeta' appellanti ghamlet xogholha sew kienet tevita li jsiru tali hsarat.

(b) dwar il-klawsola 22 (F) din tirreferi ghall *"concealed damage nor for condition of packages, cases, or other container whether or not receipts issued so state"* u certament li dan ma japplikax ghall kaz odjern ghaliex hawn si tratta ta' karozzi mhux konteniturі bhal dawk deskritti minn tali termini, u wkoll ma kien hemm xejn li kien mohbi, tant li gew indikati fil-*Gate Pass Out.*

(c) dwar klawsola 22 (G) inghad li *"no resposability shall be accepted beyond what is stated in the interchange report – Interchange Report 1 – Gate Pass Out",* u fil-fatt dan huwa dak li gara fil-kaz in ezami ghaliex id-danni reklamati huma huma dawk indikati fl-istess dokument.

(d) dwar klawsola 19 jirrizulta li din lanqas biss tqajjmet bhala eccezzjoni fl-ewwel istanza u allura certament li ma tistax titqajjem u tigi kkunsidrata f'dan l-istadju ghaliex kif qalet is-socjeta' appellata din tammonta ghall-eccezzjoni gdida. Izda ghall grazzja tal-argument jinghad li anke kieku kellha tikkonsidra din il-klawsola ma hemm l-ebda dubju li l-package limitation clause ma tapplikax ghall-karozzi kif gie deciz fis-sentenzi **"Dr. Carmel Chircop nomine vs Av. Dr. Kevin Dingli nomine"** (P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2001); **"Dr. Simon Micallef Stafrace nomine vs James Gollcher nomine et"** (P.A. (TM) – 13 ta' Gunju 2002); **"Dr. Robert Staines nomine vs Joseph Apps nomine"** (A.C. – 24 ta' April 1998); **"Busuttil nomine vs Apps nomine"** (A.C. 23 ta' Ottubru 1995). Ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi wkoll michud ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li l-hsarat li gew riskontrati kienu kollha ndikati fil-Gate Pass Out hlief ghall slight scratches fuq wara li gew rimedjati b'*buffering* li xorta kellu jsir u allura ma kien hemm effettivament ebda hsara li ma gietx riskontrata fi-Gate Pass Out inkluz dik indikata fil-paragrafu 8.4 (a) tar-rikors tal-appell. Jirrizulta wkoll li ghal dak li hemm indikat f'paragrafu 8.4 (b) s-socjeta' attrici qed tfittex ix-xaghra fl-ghagina ghaliex il-kliem *scratched* ma jeskludux *extensively scratched*. L-istess danni reklamati jidhru li huma konsistenti mal-Gate Pass Out, mal-*job cards* relattivi u mas-*survey report* (Dok. "GM 14) redatt fl-1 ta' April 2008, l-istess data tal-Gate Pass Out (Dok. "GM 4" u Dok. "GM 5". Jidher li s-socjeta' konvenuta qed tibbaza ruhha fuq ir-rapport datat 21 ta' Novembru 2008 maghmul minn Roberta Caruana (Dok. "RC 1") pero' apparti l-fatt li dan sar seba' xhur wara l-kaz, jirrizulta li dan is-*survey* sar fuq ir-ritratti annessi mal-istess, u mhux fuq spezzjoni tal-vetturi attwali u dan kif jinsab ammess mill-istess xhud fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2010, u ghalhekk dan jitfa' iktar minn dubju serju fuq il-korrettezza tal-istess; dan apparti l-osservazzjonijiet relevanti li saru dwar l-istess mis-socjeta' appellata kemm fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha datata 23 ta' Gunju 2010 sottomessa fl-ewwel istanza u wkoll f'dak li nghad

f'paragrafi 22 sa 24 tar-risposta tal-appell, argumenti li jrendu dan l-aggravju wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt peress li jirrizulta li d-danni reklamati huma dawk riskontrati meta l-karozzi gew rilaxxati mis-socjeta' appellanti lis-socjeta' assigurata mas-socjeta' attrici appellata, u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa` r-risposta tas-socjeta' appellata Gasan Mamo Insurance Limited fil-kwalita' taghha premessa datata 26 ta' Novembru 2010, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Valletta Gateway Terminals Limited fir-rikors tal-appell datat 2 ta' Novembru 2010 stante li l-istess appell huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Gasan Mamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Gasan Enterprises Limited skond il-Ligi u l-polza vs Valletta Gateway Terminals Limited" datata 15 ta' Ottubru 2010 (Avviz Numru 187/09/MK) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Valletta Gateway Terminals Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------